

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.6400 – ECE/Metro/MEC JV)**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**  
(2011/C 284/04)

1. Fil-21 ta' Settembru 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>. Permezz tagħha l-impriża ECE Projektmanagement GmbH & Co. KG ("ECE", il-Ġermanja), li l-kontroll aħħari tagħha hu fidejn is-Sur Alexander Otto, u Metro Group Asset Management Services ("MAMS", il-Ġermanja), sussidjarja bi sjieda sħiħa ta' Metro AG ("Metro", il-Ġermanja), takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' MEC Metro-ECE Centermanagement GmbH & Co. KG ("MEC", il-Ġermanja), permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- Għal ECE: servizz ta' konsulenza u ġestjoni dwar l-akkwist, it-tfassil, il-pjanifikazzjoni u l-kostruzzjoni ta' binjiet kummerċjali u ta' beni immobbiljari oħra, kif ukoll il-kiri, il-ġestjoni, l-isfruttar u l-bejgħ ta' dawn il-beni,
- MAMS: servizzi essenzjali fil-qafas tal-attivitajiet immobbiljari tal-Metro Group rigward il-ġestjoni, it-tfassil, il-kiri, il-kostruzzjoni u l-isfruttar ta' beni li jagħmlu parti mill-portafoll immobiljari tal-Metro Group,
- MEC: servizzi ta' ġestjoni ta' proprjetà kummerċjali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6400 – ECE/Metro/MEC JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").